www.santamariaqrendi.com

# Il-Magħlaq

**tagħrif miġbur minn Martin Formosa**

Il-Qrendi hu mogħni b'numru kbir ta' postijiet ta' importanza kbira arkeoloġika u storika. Forsi għalhekk li ċertu nħawi ma tantx ġew mogħtija l-importanza li tixirqilhom. Fost dawn il-postijiet ta' min isemmi l-Magħlaq. F'dan il-post instabu għerien ta' importanza kbira u li ħafna minn dak li nstab fihom illum qiegħed f'mużewijiet f'Londra.



Dr Andrew Leith Adams

Ma' dan il-wied hemm marbuta ismijiet ta' geoloġi magħrufa li skoprew u skavaw għerien importanti u li ħafna minn dawn l-għerien ma għadhomx jeżistu għaliex tkissru biex inqata' l-blat tal-qawwi.

F'Novembru 1843 Thomas Abel Brimage Spratt R.N. li kien stazzjonat f'Malta ħareġ pubblikazzjoni msejħa *On the Geology of the Maltese Islands* li kienet akkumpanjata minn mappa li turi x-xquq kbar (*faults*) li jaqsmu l-Gżejjer Maltin. Fl-1852 Spratt ppubblika t-tieni edizzjoni ta' dan l-istudju fejn fost l-oħrajn hemm spjega fuq *the origin of the Maclouba (*Maqluba). Fil-fatt fis-sajf tas-sena 1858 infetħet l-ewwel barriera tal-qawwi f'dawn l-inħawi tal-Magħlaq biex jinbnew il-baċiri fil-Port il-Kbir. Leonard Horner (1785–1864), ġeoloġista Skoċċiż kien l-ewwel persuna li investiga s-sejba ta' dawn l-għerien (1861) mimlija għadam tal-ipopotamu *pentlandi* u ta' annimali oħra fosthom darsa ta' iljunfant. Wara li miet Horner, Dr Leith Andrew Adams (1827–1882) kompla jirraporta fuq din is-sejba hekk kbira li hu skopra meta żar il-*Krendi Cave of Spratt*. Dr Adams kien Army Surgeon assenjat mat-22nd Foot Regiment, jew kif kien magħruf iċ-Cheshire Regiment. Huwa dam Malta 6 snin u interessa ruħu bil-kbir fil-ġeoloġija tal-Gżejjer Maltin. Huwa intervista ħafna mill-ħaddiema tal-barriera u investiga diversi għerien oħrajn.

Fl-1836, Dr Adams skopra l-għar imsejjaħ Imnajdra Gap Cave No 6 ftit 'il bogħod mill-Għar Nru 3. Ġo dan l-għar instabu skeletri sħaħ ta' iljunfanti u ta' għasafar kbar tal-ilma. Adams qabbad lill-Kaptan Robert Charles Goff (1837–1922) biex ipinġilu l-Magħlaq min-naħa ta' Għar Lapsi u f'din it-tpinġija hemm indikati l-għerien u l-kwalità ta' blat li jeżisti fl-inħawi. Din it-tpinġija saret bejn is-sena 1861 u s-sena 1963. Fl-1866 Adams ippubblika s-*Second Report on Maltese Fossiliferous Caves.*

F'dan ir-rapport hemm tpinġija tal-*Magħlaq Fault* u fejn kienu it-tliet għerien mimlija fossili. Hemm spjega dettaljata ta' x'instab f'dawn l-għerien. Jingħad li fl-għar prinċipali kien hemm l-aktar għadam tal-Ippopotamu u *Dormice* (speċi ta' ġrieden ta' denbhom pjuma), l-għar tan-nofs kien fih fdalijiet tal-*Giant Dormouse u shrews* (ġrieden ta' ġeddumhom twil) f'dik magħrufa bħala l-*Imnajdra Cave* kien hemm fdalijiet tal-iljunfant nanu.

Dawn il-fossili għandhom madwar 127,000 sena u huma kollha ta' annimali li kienu jgħixu fl-Ewropa. Dawn l-annimali ġew Malta minn Sqallija meta l-gżejjer Maltin kienu magħqudin permezz ta' art niexfa. Madwar 5.5 miljun sena ilu Ġibiltà ċediet u Malta reġgħet saret gżira.

Fl-istess sena Capt. Frederick Wallaston Hutton Late Deputy-Assistent Quartermaster General f'Dublin u Fellow of the Geological Society of London ippubblika artiklu bl-isem ta' *Sketch of the Physical Geology of the Island of Malta* fil-*Geological Magazine*. Huwa jitkellem dwar il-Magħlaq Fault u kif dan jibqa' tiela' lejn Għawdex fejn il-Ponta ta' Dimitri u jiltaqa' kważi skwerra max-Xaqq il-Kbir li jibda minn Fomm ir-Riħ u jibqa' sejjer sal-Madliena u li l-Ingliżi semmewh il-Victoria Lines.

FIG. 2.—Portion of the South Coast of Malta, showing the various Ossiferous Cavities above and below the Malak Fault.




A. Lower Limestone. } Miocene.
B. Upper Limestone. }
*Line of Fault - - - - Escarps of ditto, C.*
1. *Position of Malak Cave (Hippopotamus, Myoxus, Elephas, etc.)*
2. *Middle Cave (Myoxus Birds).*
3. *Mnaidra Gap (Elephants, Rodents, Reptiles, Birds, etc.)*
4. *Débris from Cave 1.*
5. *Breccia on B (Elephants).*
6. *Modern Alluvium Covering, 5.*
*Islet of Filfla, Upper Limestone.*

Tpinġija minn Capt. Goff tal-Magħlaq

Biblijografija:
Patrick J. Schembri u Alfred E. Baldacchino, Ilma, Blat u Ħajja
George Zammit Maempel, Illustrators and their Illustrations of Maltese Fossils and Geology
D. H. Trump, Malta, An Archaelogical Guide.